MALTA

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM' AWLA**
**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-22 ta' Diċembru, 2015

Mandat Numru: 1876/15/1

**J. Zammit Limited (C 37945)**

**vs.**

**L-Awtorità Għat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **J. Zammit Limited (C37945)** (minn issa "is-soċjetà rikorrenti") għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ippreżentat fit-3 ta' Diċembru, 2015, fejn għar-raġunijiet imsemmija ġie mitlub dan li ġej:

*"Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm l-intimata milli tbiegħ, tittrasferixxi jew tiddisponi inter vivos mill-vettura tal-għamla Mercedes C200 Kompressor bin-numru ta' reġistrazzjoni CBU 502, kif ukoll milli tipproċedi għall-irkant pubbliku jew sejħa għall-offerti dwar l-istess vettura.*

*Illi l-vettura hawn fuq imsemmija hija proprjetà tas-soċjetà rikorrenti. Ġara illi s-soċjetà rikorrenti iffirmat hire-purchase agreement ma' persuna ta' nazzjonalità barranija bl-isem ta' Alexander Stefanov detentur tal-karta tal-identità numerata 48811A. L-istess Alexander Stefanov ma effettwax il-pagamenti dovuti minnu skont l-istess agreement u għaldaqstant il-proprjetà tal-vettura in kwistjoni qatt ma għaddiet għand Alexander Stefanov iżda baqgħet vestita fis-soċjetà rikorrenti. Qed tiġi annessa kopja tal-ittra uffiċjali intavolata żmien ilu mis-soċjetà rikorrenti ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (markata bħala Dok.'A').*

*Illi minkejja diversi tentattivi s-soċjetà rikorrenti ma rnexxilhiex tinnotifika lil Alexander Stefanov bl-imsemmija ittra uffiċjali billi dan ħarab mill-Gżejjer Maltin. Is-soċjetà rikorrenti għamlet tfittxija għal din il-vettura iżda ma rnexxiliex issibha.*

*Qed jiġi anness il-log book/ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-istess vettura (markat bħala Dok. 'B'). Minkejja dan l-Awtorità intimata qatt ma avzat lis-soċjetà rikorrenti li l-vettura proprjetà tagħha kienet tinsab fil-compound tal-Awtorità intimata sabiex l-istess soċjetà tirtira tali vettura, minkejja li kienet taf li hi s-sid. Dan nonostante wkoll li d-Direttur tas-soċjetà rikorrenti (James Zammit) huwa ben magħruf fi ħdan l-Awtorità Għat-Trasport f'Malta minħabba l-volum ta' xogħol li għandu mal-Awtorità. Żmien wara li seħħ dan, l-Awtorità intimata kitbet direttament lis-soċjetà rikorrenti sabiex tgħarrafha li fil-5 ta'*

*Diċembru 2015, il-vettura inkwistjoni ser tinbiegħ mill-Awtorità b'irkant pubbliku jew b'sejħa għall-offerti (ittra tal-Awtorità annessa u markata bħala Dok. 'C').*

*Illi soċjetà rikorrenti ma setgħetx tirreklama l-vettura stante li hija ma kienitx taf li din ġiet maqbuda mill-Awtorità intimata. Apparti minn hekk jingħad ukoll illi s-soċjetà rikorrenti kienet ilha tfittex din il-vettura għal żmien twil biex terġa' tieħu l-pussess tal-istess.*

*Illi s-soċjetà rikorrenti meta rċeviet l-ittra nfurmat lill-intimata li hija lesta tħallas dak li huwa dovut lill-Awtorità skont il-liġi sabiex tkun tista' tirriprendi l-pussess tal-vettura. Iżda l-Awtorità qed tippretendi ħlasijiet (kif jirriżulta mill-ittra li qed tiġi annessa u markata bħala Dok. 'D') li ma hijiex intitolata li tiġborhom permezz tal-proċedura minnha segwita f'dan il-każ, u l-Awtorità ma mxietx skont il-liġi.*

*In vista tal-urġenza tat-talba, is-soċjetà rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tilqa' din it-talba provviżorjament ai termini tal-Artikolu 875(2) tal-Kap 12 Liġijiet ta' Malta."*

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Diċembru, 2015 fejn wara li rat l-Artikolu 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta laqgħet it-talba provviżorjament, irriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri u appuntat ir-Rikors għas-smigħ għall-udjenza tal-10 ta' Diċembru, 2015.

Rat ir-Risposta tal-intimata **Awtorità għat-Trasport f'Malta** (minn issa 'il quddiem "l-intimata") li ġiet ippreżentata fid-9 ta' Diċembru, 2015:

*1. It-talba tas-soċjetà rikorrenti għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż għax ma jeżistux ir-rekwiżiti – la legali u lanqas dawk fattwali – sabiex din tintlaqa'. Il-motivi għal dan isegwu hawn isfel.*

*2. Mill-aspett legali, l-istanti jirrilevaw illi, skont il-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, u ċioé:*

- *(i) li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu (mir-rikorrent); u*
- *(ii) li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (prima facie) dawk il-jeddijiet.*

*3. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat ikollha prima facie l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant (Grech pro et noe v. Manfré, Appell Ċivili, 14 ta' Lulju, 1988 riportata f'Kollez. Vol: LXXII.ii.290). Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew ma jeżistix.*

*4. Minn kliem il-liġi nfisha, dawn iż-żewġ elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak.*

*5. Sewwa li jinżamm in mira li Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali (Angelo Xuereb vs. Marin Hili, Qorti tal-Kummerċ, 22 ta' Settembru, 1994). Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-mandat de quo, il-jedd li jista' jkollha l-parti li tressaq, jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli.*

*6. Illi in vista illi wara tali introduzzjoni l-Awtorità esponenti tirrileva preliminarjament illi għalkemm is-soċjetà rikorrenti tagħmel referenza għal ftehim iffirmat ta' hire purchase agreement, l-ebda dokument ma ġie esebit f'dawn il-proċeduri. Għaldaqstant jidher illi, f'dan l-istadju, rekwisit essenzjali għat-talba għal-ħruġ tal-mandat odjern hi nieqsa. Hu dmir ta' min jallega fatt illi jipprovah u dan skont l-artikolu 562 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili kif abbinat mal-artikoli 558 u 559 tal-istess Kodiċi. Bħala konsegwenza, stante illi sa dan l-istadju tali prova ma inġabietx l-Awtorità esponenti tirrileva l-irritwalità tat-talba tas-Soċjeta' rikorrenti u għaldaqstant ma jeżistiex il-jedd prima facie a bażi tal-pretiża tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talba relattiva.*

*7. Illi mingħajr preġudizzju su eċċepit l-Awtorità ukoll tirrileva illi l-kopja tal-logbook eżebit mis-soċjetà rikorrenti għalkemm jidher li t-trasferiment hu wieħed kwalifikat ("transfer to be authorised by Transport Malta hire-purchase"), xejn ma juri li s-Soċjetà rikorrenti hi verament is-sid tal-vettura in kwistjoni. Inoltre, minn qari tal-ittra uffiċjali tas-16 ta' Jannar 2015, eżebita flimkien mar-rikors promotur, ukoll xejn ma jindika illi s-soċjetà rikorrenti hi s-sid tal-vettura inkwistjoni. Għalkemm l-odjerni proċeduri huma ta' natura speċjali u straordinarji kif fuq ingħad, xorta waħda jaqa' bi dmir fuq min jivvanta pretensjoni in kawtela tal-jeddijiet tiegħu illi juri d-debitu interess ġuridiku fi kwalsiasi istanza minnu proposta. F'dan is-sens ara id-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta nru 1758/2014MCH datat 19 ta' Novembru 2014 fl-ismijiet Regina Autodealer Ltd vs. Adrian Agius et. Għal tali motiv it-talba tas-Soċjetà rikorrenti għandha tigi miċħuda.*

*8. Illi mingħajr preġudizzju għall-kwistjonijiet preliminarji hawn fuq imqanqla, l-argument tas-soċjetà rikorrenti li d-Direttur tas-soċjetà rikorrenti huwa magħruf lill-Awtorità hawn esponenti ma jagħmilx sens loġiku u ġuridiku u dawn fid-dawl tal-fatt illi bejn il-persuna tad-Direttur u l-kumpanija minnu amministrata u ġestita hemm differenza (personalità ġuridika separata u distinta) u għalhekk il-fatt li d-Direttur hu konoxxut o meno mill-Awtorità esponenti ma jrendiex il-pretiża bħala waħda awtomatikament leċita jew li timmerita li tiġi akkolta fuq tali assunt.*

*9. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost is-soċjetà rikorrenti għandha xi jeddijiet pekunjari fuq il-vettura inkwistjoni dawn għandhom jigu rivolti kontra l-allegat debitur tagħha u ċertament mhux kontra l-Awtorità hawn esponenti fil-forma tal-mandat kawtelatorju odjern.*

*10. Illi jiġi rilevat illi l-jedd tal-Awtorità illi żżomm għandha vetturi f'ċirkostanzi illi dawn jiġu abbandunati fit-triq hi awtorità u seta' mogħtija mill-Liġi senjatament il-Liġi Sussidjarja 65.13 bl-artikolu 3(2).*

*11. Illi mingħajr preġudizzju għal dak kollu fuq rilevat jekk is-soċjetà rikorrenti tixtieq verament "tħallas dak li huwa dovut lill-Awtorità skont il-liġi", hekk kif ammess fir-rikors promutur, l-istess Awtorità tirrileva illi hi ma jkollha l-ebda oġġezzjoni illi ttirrilaxxa il-pussess lis-soċjetà rikorrenti basta illi titħallas iċ-ċifra globali ta' erbat elef, disgħa mija, tmienja u disgħin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€4,998.59) li jinkludu arretrati ta' liċenzi, multi amministrattivi, u kontravvenzjonijiet flimkien mal-ispejjeż tal-magazzinagg.*

> *Għaldaqstant, l-esponenti Awtorità intimata qed tqanqal dawn is-sottomissjonijiet kontra l-pretiża u t-talba kontemplata fir-rikors tas-soċjetà rikorrenti u jġibuhom a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u umilment titlob lill-istess Qorti sabiex, għar-raġunijiet supra mogħtija u għal dawk li jafu jinsorġu fit-trattazzjoni tal-preżenti mandat, tiċħad it-talba kif magħmula, bi kwalsiasi spejjeż tal-preżenti a karigu tal-istess soċjetà rikorrenti.*

Rat id-dokumenti esebiti.

Semgħet ix-xhieda ta' **James Zammit** in rappreżentanza tas-soċjetà rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Diċembru, 2015 fejn l-Avukat Marouska Debono għall-Awtorità intimata rrilevat li l-ammont imsemmi fir-risposta tal-Awtorità intimata ta' erbat elef disa' mija tmienja u disgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€4,998.59ċ) għandu jkun ta' erbat elef ħames mija tlieta u sebgħin euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€4,573.82ċ).

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-Rikors.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Diċembru, 2015 fejn ir-Rikors tħalla għal digriet kamerali.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 873(1)(2) tal-Kap. 12, li jgħid dan li ġej:

> *"**873.** (1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

Illi l-iskop ta' talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew preġudizzju għall-jeddijiet pretiżi mill-persuna li qed titlob il-ħruġ tal-Mandat[1].

Skont l-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti, ir-rikorrenti iridu juru li (i) il-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnhom tant li bin-nuqqas ta' ħruġ tiegħu r-rikorrenti sejrin isofru preġudizzju irrimedjabbli u (ii) li huma jidhru li għandhom *prima facie*, mad-daqqa t'għajn, dawk il-jeddijiet pretiżi.[2] Dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni.

---

[1] L-Artikolu 873(1) tal-Kap. 12.

[2] Qorti tal-Kummerċ 26.05.1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Cassar Pullicino noe vs. Caruana Curran noe et** (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387).

Il-Qorti mhix mitluba li tara x'jeddijiet għandhom ir-rikorrenti iżda ai termini tal-Artikolu 874 tal-Kap. 12 trid tara oġġettivament jekk ir-rikorrenti għandhomx pretensjoni ta' jedd. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.[3]

Barraminhekk dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kriterji oġġettivi[4] u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat ta' din ix-xorta, il-Qorti għandha tagħti interpretazzjoni restrittiva peress li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju ieħor, isir fi żmien meta l-pretensjoni tar-rikorrenti ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata.

L-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilmenta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.[5]

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali.[6]

---

[3] PA 27.11.2014 - **Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri vs. Giuseppe Camilleri sive Joseph**.
[4] App. Ċiv. 14.7.1988 fil-kawża fl-ismijiet **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfrè** (Kollez. Vol: LXXII.ii.290).
[5] PA 2.1.1993 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Avukat Victor Borg Grech vs. Joseph Gasan et noe**.
[6] PA 11.3.2003 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **IWT Group Malta Ltd vs. Direttur Ġenerali tal-Kuntratti et**.

Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-pretensjoni ta' jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[7]

Tqis li l-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib.[8]

**Ikkunsidrat:**

Illi s-soċjetà rikorrenti tibbaża t-talba tagħha għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fuq il-premessa ossija deduzzjoni illi l-Awtorità intimata f'dan il-każ qiegħda tirrikorri għall-proċedura skont ir-regolament 8 tal-A.L. 65.13 peress li fil-każ odjern kien ġie ppubblikat avviż ta' rimozzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u fi tlett ġurnali lokali oħra. Waqt it-trattazzjoni s-soċjetà rikorrenti sostniet illi din

[7] PA 27.11.2014 - **Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri vs. Giuseppe Camilleri sive Joseph.**

[8] Qorti tal-Kummerċ 26.05.1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Cassar Pullicino noe vs. Caruana Curran noe et** (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387).

il-proċedura tal-pubblikazzjoni f'erbgħa ġurnali differenti, hija kkontemplata biss fir-regolament 8 u fuq din il-bażi argumentat illi l-Awtorità intimata f'dan il-każ qiegħda issejjes l-azzjonijiet tagħha fuq regolament 8.

Illi s-soċjetà rikorrenti ssostni li ser tiġi ippreġudikata bl-aġir tal-intimata meta din qiegħda tirrikorri għall-proċedura taħt is-subregolament 8(1) tal-leġislazzjoni sussidjarja 65.13, meta skont l-istess subregolament l-Awtorità intimata m'għandhiex id-drittijiet li qiegħda tippretendi li għandha u ċjoè li tbiegħ il-karozza jekk ma titħallasx l-ammonti pretiżi minnha li jinkludu arretrati ta' liċenzji, multi amministrattivi u kontravenzjonijiet, kif ukoll spejjeż tal-magazzinaġġ.

Illi s-soċjetà rikorrenti tikkontendi li skont is-subregolament 8(2) tal-leġislazzjoni sussidjarja 65.13 l-Awtorità intimata tista' tuża l-flus tal-bejgħ tal-karozza biss sabiex tikkumpensa għall-ispejjeż għar-rimozzjoni jew għall-magazzinaġġ, u l-liġi ma tagħtix is-setgħa lill-Awtorità li tiġbor permezz ta' din il-proċedura il-kontravenzjonijiet u l-multi amministrattivi u l-arretrati tal-liċenzja. Is-soċjetà rikorrenti ssostni li l-Awtorità intimata m'għandhiex iġġib lis-sid tal-karozza dahru mal-ħajt li jew iħallas dak li qiegħda tippretendi li titħallas, inkella jsir il-bejgħ furzat tal-karozza. Is-soċjetà rikorrenti tgħid illi anki jekk isir il-bejgħ furzat tal-karozza taħt ir-regolament 8 tal-L.S. 65.13, l-Awtorità intimata m'għandhiex id-dritt tirċievi l-ħlas għall-arretrati tal-liċenzja u l-multi amministrattivi u kontravenzjonijiet kif qiegħda tippretendi f'dawn l-atti.

Illi s-soċjetà rikorrenti tikkontendi li sejra ssofri preġudizzju irrimedjabbli minħabba l-aġir tal-Awtorità intimata jekk din ser titfa' l-karozza tas-soċjetà rikorrenti għall-bejgħ, meta din il-karozza m'għandha qatt tmur għall-bejgħ ladarba dak li l-Awtorità intimata legalment tista' tiġbor mill-bejgħ furzat tal-karozza, is-soċjetà rikorrenti hija disposta li tħallasha tiegħu. Jekk iseħħ il-bejgħ furzat tal-karozza, ir-rikavat mill-bejgħ se jkun baxx, se jitnaqqsu minnu ammonti li ma jistgħux jitnaqsu skont il-liġi u liema ammonti s-soċjetà rikorrenti għandha dritt tikkontesta, u l-bilanċ rimanenti mhux ser ikun biżżejjed biex ikopri dak li s-soċjetà rikorrenti fadlilha tieħu skont il-hire purchase agreement ma' Alexander Stefanov.

Illi s-soċjetà rikorrenti tikkontendi wkoll illi l-Awtorità intimata kienet taf mil-log-book tal-karozza inkwistjoni li din kienet suġġetta għal hire purchase agreement u li J. Zammit Limited kienet attwalment is-sid tagħha u mhux Alexander Stefanov u flok ma bagħtet għas-sid tal-vettura ħarġet l-avviżi fil-gazzetti.

Illi l-Awtorità intimata min-naħa tagħha tirrileva illi jedd tal-Awtorità illi żżomm għandha vetturi f'ċirkostanzi illi dawn jiġu abbandunati fit-triq "hi awtorità u seta' mogħtija mill-Liġi senjatament il-Liġi Sussidjarja 65.13 bir-regolament 3(2)".

Illi f'dawn il-proċeduri mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li jiġi stabbilit jekk is-soċjetà rikorrenti tistax tirnexxi fil-mertu għar-rigward tal-jeddijiet pretiżi minnha, imma huwa biżżejjed li jirriżulta li *prima facie* għandha jedd li jista' jiġi kawtelat bil-mandat ta' inibizzjoni kif mitlub minnha.

Tqis illi l-Awtorità intimata qiegħda tinvoka r-regolament 3(2) tal-L.S. 65.13 bħala l-bażi legali li fuqha hija msejsa l-azzjoni tagħha, liema regolament jipprovdi ukoll illi "id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti li japplikaw għall-oġġetti ta' ingombru għandhom ukoll japplikaw għal vetturi mutur bħal dawk imsemmija f'dan is-subregolament".

Tqis għalhekk li d-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tal-L.S. 65.13 dwar il-bejgħ furzat ta' oġġett ta' ingombru permezz ta' irkant jew sejħa għal offerti, japplikaw ukoll għall-vetturi bil-mutur imsemmija fir-regolament 3(2) tal-L.S. 65.13

Tqis ukoll illi skont ir-regolament 3(2) tal-L.S. 65.13 "vettura bil-mutur m'għandhiex tingħata lil sidha kemm-il darba u sakemm il-liċenzja tat-triq ta' dik il-vettura bil-mutur flimkien ma' kull dritt amministrattiv dovut lill-Awtorità ma jkunux ġew imħallsa flimkien mad-dritt impost mill-Kummissarju, jew mill-Awtorità jew mill-Kunsill kif stipulat fir-regolament (9)(a), (b) u (ċ)".

Tqis għalhekk li jidher mad-daqqa t'għajn illi fil-każ ta' vetturi bil-mutur imsemmija fis-subregolament 3(2) tal-L.S. 65.13, l-Awtorità intimata għandha

jedd tirrikorri għall-proċedura tal-bejgħ furzat ikkontemplata fir-regolament 8 tal-L.S. 65.13 u mill-flus tal-bejgħ tnaqqas l-arretrati tal-liċenzja tat-triq ta' dik il-vettura flimkien ma' kull dritt amministrattiv dovut lill-Awtorità, inklużi l-ispejjeż tal-magazzinaġġ u tal-irmonk.

Tqis li s-soċjetà rikorrenti qiegħda tikkontendi li l-proċedura ai termini tar-regolament 8 ma tistax tintuża biex mill-flus tal-bejgħ furzat jitħallsu multi amministrattivi u kontravenzjonijiet, apparti arretrati tal-liċenzja tat-triq tal-vettura li madankollu kif ġie kkonstatat aktar 'il fuq, jistgħu jitħallsu mill-flus miksuba mill-bejgħ furzat meta jiġi applikat it-tielet proviso għal subregolament 3(2) tal-L.S. 65.13.

Tqis illi s-soċjetà rikorrenti għandha kull dritt tikkontesta l-kontravenzjonijiet u l-multi amministrattivi li qed jintalab il-ħlas tagħhom mill-Awtorità intimata mill-flus tal-bejgħ furzat li din trid li jsir ai termini tar-regolamenti 3(2) u 8 tal-L.S. 65.13.

Tqis dejjem fuq bażi *prima facie* li s-soċjetà rikorrenti għandha jedd x'tikkawtela stante li tista' ssofri preġudizzju rrimedjabbli jekk iseħħ l-irkant tal-karozza inkwistjoni u d-dħul ta' flus minn dan il-bejgħ, bħal fil-każ ta' kull bejgħ furzat ieħor ħa ikun wieħed baxx u ma jkunx biżżejjed biex ikopri l-ħlasijiet li qiegħda tippretendi l-Awtorità intimata kif ukoll il-bilanċ tal-prezz li għadu dovut skont il-hire purchase agreement bejn is-soċjetà rikorrenti u Alexander Stefanov.

**Għar-raġunijiet kollha imsemmija, din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti J. Zammit Limited (C 37945) kontra l-intimata l-Awtorità għat-Trasport f'Malta għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni skont kif mitlub fir-Rikors.**

**L-ispejjeż ta' dan il-proċedura għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

--------------------TMIEM--------------------